# UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI

## Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

*15 ta' Settembru, 2009*

94/2009

## IPPUBLIKAT IL-PROSPECTUS TAL-ISTITUT TA' FORMAZZJONI PASTORALI

L-*Istitut ta' Formazzjoni Pastorali* kien twaqqaf wara li s-Sinodu Djocesan esprima l-bzonn ta' sostenn u koordinazzjoni iktar shiha f'qasam mill-aktar important ghall-Knisja fi zminijietna: li jigu mhejjija persuni li jistghu jghixu l-hajja nisranija taghhom b'mod shih fir-realtajiet socjali kontemporanji differenti, kif ukoll li jinghataw tahrig dawk li b'xi mod huma involuti f'oqsma differenti tal-hidma pastorali tal-Knisja. L-*Istitut ta' Formazzjoni Pastorali* huwa wkoll sinjal haj li l-Knisja f'Malta trid toffri formazzjoni lil dawk il-persuni, gruppi u setturi li, ghalkemm m'humiex involuti direttament fil-hidma pastorali, ihossu l-bzonn li jidhlu fil-fond fil-hsieb tal-Vangelu u fir-riflessjoni tal-Knisja.

Dan il-*Prospectus* hu xhieda tal-mod li bih il-Knisja qed tirrispondi ghall-bzonnijiet li qed jinhassu madwarna. Il-fatt li korsijiet differenti qed jigu offruti b'metodu ta' kollaborazzjoni bejn Segretarjati, Ghaqdiet, u Organizzazzjonijiet differenti juri r-rispett shih ghall-karizmi u tal-identità differenti tal-entijiet li qed joffu din il-hidma.

Il-fatt li bosta korsijiet qed isiru b'metodologija professjonali, fuq medda ta' diversi xhur jew snin, ifisser ukoll li din il-formazzjoni tista' tkun effettiva f'li jigu ffurmati *communities of learning* li jghinu ferm biex tigi arrikkita l-hidma ministerjali tal-Knisja u l-vizjoni pastorali li biha ssir din il-hidma.

Ir-rispons pozittiv ghall-korsijiet li saru f'dawn l-ahhar snin flimkien mal-klima partecipattiva u entuzjasta li nholqot s'issa jawguraw tajjeb ghal din il-hidma fejjieda.

Nitlob li dan l-ispirtu ta' kollaborazzjoni, dixxerniment kuragguz u sincier tal-isfidi li qed niffaccjaw, u serjetà fil-formazzjoni jkompli jsaltan filwaqt li bil-qalb naghti l-barka pastorali tieghi fuq dan il-ministeru importanti.

Il-prospectus jinsab online fuq is-sit **www.maltapfi.org**